**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**
**(GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tnejn, 16 ta' April 2018**

Numru 10

**Rikors Nru. 98/2016**

**Tancred Tabone**
**vs**
**L-Onorevoli Prim Ministru;**
**L-Onorevoli Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali;**
**L-Avukat Generali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti tas-27 ta' Ottubru 2016 li jghid hekk:

1. Fid-19 ta' Frar 2013, l-esponent tressaq taht akkuza quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja fejn gie akkuzat bi frodi u b'hasil tal-flus. L-akkuzi li tressqu mill-Pulizija jidhru li huma konnessi mal-involviment tal-esponent fil-Fuel Procurement Committee tal-(allura) Korporazzjoni Enemalta u partikolarment fiz-zmien meta l-esponent kien Chairman tal-imsemmija Korporazzjoni. Tressqu wkoll terzi ohra ghall-allegat involvement taghhom fl-allegati attivitajiet kriminali.

2. Dawn il-proceduri penali ghadhom pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja.

3. Kif wiehed ragonevolment jistenna, din il-kwistjoni u l-akkuza gibdu attenzjoni kbira tal-awtoritajiet u l-ufficjali pubblici, tal-media lokali kif ukoll mill-pubbliku in generali. L-allegazzjonijiet li jikkoncernaw l-esponent ma gewx sottomessi biss ghall-iskrutinju tal-Qrati Maltin izda qed jigu sottomessi ukoll ghall-iskrutinju tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici tal-Parlament ta' Malta. Dan il-Kumitat qieghed izomm numru ta' seduti biex jinvestigaw il-process tax-xiri taz-zejt fl-Enemalta inkluz fiz-zmien rilevanti tal-akkuza li ngabet kontra l-esponent. [Fir-rigward ta' dawn il-proceduri quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici, l-esponent ressaq proceduri ohra ta' natura kostituzzjonali bin-numru 29/2014 fejn qed jitlob lill-Qorti

tiddikjara li l-proceduri quddiem l-imsemmi Kumitat jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponent kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-Bniedem.]

4. Minn meta l-allegazzjonijiet rigwardanti l-esponent inhargu fil-pubbliku u wara li l-esponent tressaq il-Qorti taht akkuza, saru numru ta' dikjarazzjonijiet fil-pubbliku minn ufficjali pubblici u minn politici. Dawn id-dikjarazzjonijiet, kif ukoll ir-rapportagg estensiv taghhom li sar fil-media, huma ta' pregudizzju ghall-esponent. Dan minhabba l-fatt li d-dikjarazzjonijiet maghmula huma tali li jwasslu ghal konkluzjoni ta' htija ghall-akkuzi li qed isiru u dan qabel ma jintemm il-process gudizzjarju. Ghaldaqstant, anke meta dawn id-dikjarazzjonijiet jinghataw attenzjoni fil-media kemm f'dik stampata u b'mod televisiv, l-esponent qed jinghata pubblicita negattiva, ta' pregudizzju kbir ghalih minhabba l-fatt li d-dikjarazzjonijiet iwasslu ghall-konkluzjoni li l-esponent huwa hati qabel ma ghadda mill-process gudizzjarju. Fil-paragrafi li ser isegwu, l-esponent ser jaghti ezempji ta' whud minn dawn id-dikjarazzjonijiet.

5. Fid-19 ta' Frar 2013, il-Prim Ministru ta' dak iz-zmien, Dr Lawrence Gonzi, ppublika stqarrija (ara Dok. A anness mar-rikors) fejn, fost affarijiet ohra, intqalu dawn il-kliem:
"I cannot accept that persons, appointed to safeguard the public interest on public entities, betray the trust that has been placed in them.
Thus it is with profound disappointment that I have learned about the arraignment of Mr. Tancred Tabone, a prominent member of the business community, in connection with events that allegedly took place while he was responsible for safeguarding the public interest on the board of a public corporation. The fact that these events appear to have taken place some nine years ago and that Mr. Tabone's appointment as chairman of Enemalta Corporation had not been renewed in 2005 is no comfort at all."

6. Din l-istqarrija, kif kien mistenni, inghatat attenzjoni kbira mill-media lokali. Ir-rapportagg tal-istqarrija kienet tali li tat l-impressjoni li l-eks Prim Ministru kien wasal ghal konkluzjoni li l-esponent huwa hati tal-akkuzi. It-Times of Malta, f'artikolu tal-20 ta' Frar 2013 tuza l-heading: "Tabone betrayed public trust – Gonzi” [Ara Dok. B anness mar-rikors].

7. L-eks Prim Ministru Gonzi ghamel certu dikjarazzjonijiet ohra fil-konfront tal-esponent quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici fid-9 ta' Frar 2015 liema kliem inekwivokabilment iwasslu sabiex il-pubbliku jikkonkludi li ghal Dr Gonzi, Tancred Tabone huwa hati. Mistoqsi diversi mistoqsijiet mill-membri tal-imsemmi Kumitat, Dr Gonzi jghid:
L-Avukat Lawrence Gonzi ... Effettivament, hekk kien gara u wiehed minnhom kien Tancred Tabone. Imma inbidel mhux ghax kien hemm xi indikazzjoni dakinhar ta' xi haga li ma kenitx f'postha, imma ghax din kienet id-decizjoni li jiena hadt fil-konfront tal-organizzazzjonijiet kollha mal-gvern kollu.
Onor. Justyne Caruana: Pero, on the basis ta' dak li nafu llum li qed jigri, with hindsight, illum li qieghed hawnhekk ...
L-Avukat Lawrence Gonzi: With hindsight, komda hafna. Kieku kont naf dakinhar, mhux innennih kont, imma kont nibaghtu l-habs. Imma fejn tkun taf?! [Emfazi

mizjuda mill-esponent. Ara estratt mit-traskrizzjoni tal-Iaqgha, hawn anness bhala Dok. C]

8. Din id-dikjarazzjoni wkoll giet irrapportata bosta drabi mill-media lokali. Il-kliem in kwistjoni huma tali li jwasslu biex jinfluwenzaw lil pubbliku u anke l-awtoritajiet lokali li l-esponent huwa hati.

9. L-Onorevoli Owen Bonnici wkoll ghamel numru ta' certu dikjarazzjonijiet quddiem Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici li jikkrejaw pregudizzju kbir lill-esponent u d-dritt tieghu ta' smigh xieraq. Fil-11 ta' Dicembru 2013, meta kien qed jaghmel mistoqsijiet lil George Farrugia, hu jaghmel referenza ghall-esponent hu jghid:
"Li tajthomlu ma ghandix dubju assolutament u li hadhom ma ghandix dubju lanqas."

10. Jistaqsi wkoll: "Allura, Sur Farrugia, inti f'liema mument intbahbt li s-Sur Tabone kien involut f'xi cirku ta' korruzzjoni?" Jirrizulta inekwivokabbilment li l-Ministru Bonnici ddikjara pubblikament l-opinjoni tieghu li ghalih, l-esponent huwa certament hati.

11. Addizjonalment fuq il-programm televisiv, Xarabank, li gie trasmess fit-22 ta' Frar 2013, Arnold Cassola, ir-rapprezentant tal-partit politiku Alternattiva Demokratika jikkonkludi ukoll li l-esponent gie mxahham u fil-fatt fil-programm ikun hemm dibattitu dwar din id-dikjarazzjoni mal-prezentatur tal-programm televisiv is-sur Azzopardi. Il-kliem li ser isegwu huma traskrizzjoni ta' parti mill-programm.
"Arnold Cassola: ... Skandli li ghandna fid-dinja tal-industrija, li rajna issa, bil-President tat-Chamber of Commerce mixtri etc ... u biz-zejt etc.
Peppi Azzopardi: Sorry, Sorry ...
Arnold Cassola: Mela ...
Peppi Azzopardi: Hu pacenzja, hu pacenzja ... ma tghidlux mixtri, dak ghadu akkuzat...
Arnold Cassola: Ha l-commission ..
Peppi Azzopardi: Qed tkun vera unfair, dak ghadu akkuzat,
Arnold Cassola: Ha il-commission ...
Peppi Azzopardi: ... meta jinstab hati, nghidu li huwa hati.
Arnold Cassola: Ejja nghidu, tanti jien unfair ... li kellu jirrezenja minn post li kellu, mill-karriga li kellu, u nizgurak li irrezenja ghax jaf li huwa hati ... alright ...
Peppi Azzopardi: Prosit ehh, igifieri qieghed tkun guri inti lest?
Arnold Cassola: U le ... mhux qed inkun il-guri ... hu stess qed ikun ...
Peppi Azzopardi: Uwejja, din tal-misthija ... sorry ta'.
Arnold Cassola: Jien qed nghidlek ...
Peppi Azzopardi: Le sorry mhux haga sewwa li naqbdu nies li ghadhom akkuzati, prezunti innocenti
Arnold Cassola: Il-minuti nispera li qed tohodhom ...
Peppi Azzopardi: ... Qed jiehduhom minn tieghi Arnold ghax fil-programm, dawn l-affarijiet ma nhalluhomx jigru ahna ... ma tistax ...
Arnold Cassola: Dik hija responsabilita tieghek Pep,
Peppi Azzopardi: Ma tistax tghid li huwa hati ...
Arnold Cassola: U jien niehu responsabilta tieghi ... alright ..."

12. Fir-rigward ta' dikjarazzjonijiet pubblici minn ufficjali pubblici, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ("QEDB") fis-sentenza Allenet de Ribemon v France [Application Number 15175/89(1995)] irriteniet:
"35. The presumption of innocence enshrined in paragraph 2 of Article 6 (art 6-2) is one of the elements of the fair criminal trial that is required by paragraph 1 (art. 6-1) (see, among other authorities, the Deweer v Belgium judgment of 27 February 1980, Series A no. 35, p. 30, para 56, and the Minelli judgment previously cited, p.15, para 27). It will be violated if a judicial decision concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved guilty according to law ...
... 36. The Court considers that the presumption of innocence may be infringed not only by a judge or court but also by other public authorities ...
... 38 Article 6 para 2 (art. 6-2) cannot therefore prevent the authorities from informing the public about criminal investigations in progress, but it requires that they do so with all the discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected ...
... 41. The Court notes that in the instant case some of the highest-ranking officers in the French police referred to Mr. Allenet de Ribemont, without any qualification or reservation, as one of the instigators of a murder and thus an accomplice in that murder... This was clearly a declaration of the applicant's guilt which, firstly, encouraged the public to believe him guilty and, secondly, prejudged the assessment of the facts by the competent judicial authority. There has therefore been a breach of Article 6 para. 2 (art 6-2)."

13. F'Dakatras v Lithuania [Application Number 42095/98 (2000)] il-QEBD sabet li d-dritt tal-prezunzjoni tal-innocenza skont l-art. 6-2 jigi vjolat jekk:
"a statement of a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved so according to law … In this regard the Court emphasises the importance of the choice of words by public officials in their statements before a person has been tried and found guilty of an offence [Ibid. para 41].

14. Huwa ragonevolment mistenni li dikjarazzjonijiet isiru minn ufficjali pubblici u, forsi, politikanti fir-rigward ta' akkuzi serji bhal ma huma dawn in kwistjoni, partikolarment meta l-akkuzi b'xi mod jirrelataw mal-pozizzjoni pubblika li kellu l-esponent fil-Korporazzjoni Enemalta fiz-zmien relatat. Madankollu, dawn id-dikjarazzjonijiet ghandhom isiru b'responsabbilta u l-ufficjali pubblici ghandhom juzaw id-diksrezzjoni necessarja meta jaghmlu certu stqarrijiet fil-pubbliku fir-rigward tal-akkuza. Dan sabiex jigi assigurat li d-drittijiet ta' smigh xieraq tal-akkuzat ma jigux ippregudikati u sabiex ma jigix mittiefes id-dritt tal-prezunzjoni tal-innocenza tal-akkuzat.

15. Fir-rigward ta' numru ta' dikjarazzjonijiet u kliem li saru fil-pubbliku fir-rigward tal-esponent u l-akkuzi li ngiebu kontrih, dawn iwasslu ghall-konkluzjoni li l-esponent huwa hati. Wiehed irid ukoll jikkonsidra l-attenzjoni li l-media taw ghal dawn id-dikjarazzjonijiet b'dan illi l-opinjoni pubblika giet influwenzata b'certu mod li jwassalha biex tikkonsidra lill-esponent bhala hati ferm qabel ma jintemm il-process gudizzjarju.

16. Ghal dawn ir-ragunijiet, id-dritt ta' prezunzjoni ta' innoccenza tal-esponent gie mittifes u jirrizulta li hemm ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu hekk kif protetti mill-

artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem.

Ghaldaqstant l-esponent qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(a) Tiddikjara li d-dikjarazzjonijiet maghmula minn l-eks Prim Ministru Lawrence Gonzi, kemm meta kien Prim Ministru u/jew anki wara li ma baqax Prim Ministru pero meta tkellem b'referenza ghal zmien bhala Prim Ministru; u/jew mill-Onorevoli Owen Bonnici; u/jew minn Arnold Cassola jilledu d-drittijiet fundamentali tal-esponenti kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem; u

(b) Tiddikjara li b'konsegwenza ta' dan il-ksur, il-proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qrati Maltin jigu ddikjarati nulli; u/jew

(c) Taghti dawk id-direttivi u r-rimedji kollha opportuni sabiex jigu sanciti d-drittijiet fundamentali tal-esponent, b'mod partikolari fir-rigward tal-proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qrati Maltin.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

Rat ir-risposta tal-intimati li tghid hekk:

Illi l-lanjanzi tar-rikorrenti huma fis-sens illi "Minn meta l-allegazzjonijiet rigwardanti l-esponent inhargu fil-pubbliku u wara li l-esponent tressaq il-Qorti taht akkuza, saru numru ta' dikjarazzjonijiet fil-pubbliku minn ufficjali pubblici u minn politici. Dawn id-dikjarazzjonijiet, kif ukoll ir-rapportagg estensiv taghhom li sar fil-media, huma ta' pregudizzju ghall-esponent. Dan minhabba l-fatt li d-dikjarazzjonijiet maghmula huma tali li jwasslu ghal konkluzjoni ta' htija ghall-akkuzi li qed isiru u dan qabel ma jintemm il-process gudizzjarju. Ghaldaqstant, anke meta dawn id-dikjarazzjonijiet jinghataw attenzjoni fil-media kemm f'dik stampata u b'mod televisiv, l-esponent qed jinghata pubblicita negattiva, ta' pregudizzju kbir ghalih minhabba l-fatt li d-dikjarazzjonijiet iwasslu ghall-konkluzjoni li l-esponenti huwa hati qabel ma ghadda mill-process gudizzjarju". Illi r-rikorrenti qed jallega li d-dritt tieghu ta' prezunzjoni ta' innocenza gie mittiefes bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Illi l-esponenti jikkontestaw l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tar-rikorrenti stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:
1. IIIi in linea preliminari, il-Prim Ministru u l-Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvern Lokali mhumiex il-legittimi kontradditturi ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, in kwantu l-proceduri kriminali in konfront tar-rikorrenti ghandhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni, l-esponenti jecepixxu formalment l-intempestivita ta' dina l-azzjoni. Illi gialadarba l-lanjanzi tar-rikorrenti huma mibnija fl-intier taghhom fuq allegat ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, l-esponenti jirrilevaw illi sabiex ikun jista'

jigi determinat jekk ir-rikorrenti garrabx ksur ta' dawn l-artikoli, irid jigi ezaminat il-process kriminali kollu fit-totalita tieghu.

3. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kwistjoni li qed jillamenta minnha r-rikorrenti hija Ii allegatament bhala konsegwenza ghall dikjarazzjonijiet u kliem fil-pubbliku min ufficjali pubblici gew lezi d-drittijiet tar-rikorrenti ghal smigh xieraq kif garantit fl-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u dan peress li mhux ser jinghata smigh xieraq minn qorti indipendenti u imparzjali.
Illi in kwantu ghal dak Ii jirrigwarda l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja, l-esponenti jibdew biex jissottomettu Ii l-Artikolu 39(1) u (2) tal-Kostituzzjoni jipprovdu illi sabiex jigi garantit id-dritt ghal smigh xieraq, is-smigh ghandu jsir fi zmien ragjonevoli u jinstema minn Qorti independenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi. L-Artikolu 6(1) tal-Kap, 319 imur oltre meta jipprovdi Ii s-smigh ghandu jkun pubbIiku u ghandu jsir quddiem tribunal indipendenti u mparzjali mwaqqaf b'ligi.

Illi l-esponenti jirrilevaw Ii ma sar xejn fil-process kriminali Ii b'xi mod seta' jicidi fuq id-dritt tar-rikorrenti ta' process gust u wisq inqas saret xi influwenza fuq il-gudikant.

Illi jezistu salvagwardji bizzejjed fid-dritt procedurali nostrali li huma tali Ii jovvjaw ghal kull perikolu ta' intraIc ta' smigh xieraq allegat mir-rikorrent liema salvagwardji jiggarantixxu process xieraq u smigh gust.

IIIi ma hemmx dubju Ii l-procedura l-procedura kriminali qed tinstema' minn "qorti" u cioe minn Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja u ghalhekk ir-rekwizit ta' "qorti" sabiex jiddetermina criminal charge Ii jimponi l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni huwa sodisfatt. IIIi dwar ir-rekwiziti ta' "tribunal" li ghalih jirreferi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni l-esponenti jissottomettu wkoll illi dan ir-rekwizit huwa sodisfatt u b'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet Le Compte, Van Leuven and Meyere deciza fit-23 ta' Gunju 1981 fejn gie stabbilit illi “... the use of the term 'tribunal' is warranted only for an organ which satisfies a series of further requirements - independence of the executive and of the parties to the case, duration of its members' term of office, guarantees afforded by its procedure - several of which appear in the text of article 6(1) itself".

Illi l-fatt fih innifsu illi l-Qorti hija presjeduta min Imhallef jew Magistrat, skont il-kaz partikolari, huma garanzija fiha nnifisha ta' indipendenza u imparzjalita. In oltre, il-procedura nostrana stess toffri garanziji estensivi biex tissalvagwardja lill-gudikant minn pressjonijiet esterni. Fil-kaz Piersack deciz fl-1 ta' Ottubru 1982, il-Qorti Ewropeja osservat illi "Whilst impartiality denotes absence of prejudice or bias, its existence or otherwise can, notably under Article 6 par. 1 of the Convention, be tested in various ways. A distinction can be drawn in this context between a subjective approach, that is endeavouring to ascertain the personal conviction of a given judge in a given case, and an objective approach, that is determining whether he offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect".

Illi l-esponenti jissottomettu Ii kemm id-drittijiet ravvizati fil-Kostituzzjoni u kif ukoll dawn taht il-Konvenzjoni jippresupponu Ii allegazzjoni ta' ksur ta' xi wiehed mid-drittijiet protetti ma tridx tkun allegazzjoni merament ipotetika u avvanzata in vacuo

bhal ma jidher car li hi l-allegazzjoni tar-rikorrenti. L-unika vera motiv tal-allegazzjoni tar-rikorrenti huwa li jittanta jixhet dawl ikrah u nfondat fuq il-gudikant li quddiemu qed jingabru l-provi fil-kumpilazzjoni u dan ghall-ghan ahhari tar-rikorrent li jittenta johloq incident halli jarab milli jwiegeb ghal eghmil tieghu. Dan il-fatt fih innifsu bl-ebda mod ma jista' jwassal ghal vjolazzjoni tad-dritt ta' smigh xieraq jew ghal nuqqas ta' indipendenza jew imparzjaIita tal-gudikant.

Isegwi ghalhekk li dina l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

4. Illi r-rikorrenti qed jilmenta wkoll li gie ivvjolat id-dritt tieghu sancit mill-Artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mill-Artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni Ewropeja liema artikoli jipprovdu li kull min jigi akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm jigi ppruvat jew ikun wiegeb li hu hati.

L-esponenti jissottomettu li d-dritt tar-rikorrenti ghall-prezunzjoni tal-innocenza bl-ebda mod ma gie menomat. Illi huwa manifest li l-Qorti li qed tikkompila l-provi fil-process kriminali ser tiddeciedi jekk hemmx provi bizzejjed sabiex ir-rikorrenti jitpogga taht att ta' akkuza fuq il-provi li jkunu gew prodotti u migbura minnha kif del resto huwa dak mistenni minn dik il-Qorti.

Illi l-fatt fih innifsu li l-Prim Ministru kien hareg stqarrija jew li hemm skrutinju tar-rapport tal-Awditur Generali quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici ma jfissirx awtomatikament li gie lez id-dritt tal-prezunzjoni tal-innocenza tar-rikorrenti kif qed jittenta jallega l-istess rikorrenti. Illi fl-istqarrija u fl-imsemmi skrutinju li minnhom qed jillamenta r-rikorrenti jirrizulta bl-aktar mod lampanti li nzamm bilanc bejn l-obbligu tal-Istat li jinforma lill-pubbliku dwar investigazzjonijiet ta' reati u l-harsien tad-drittijiet fundamentali tal-persuna suspettata li wettqet ir-reat.

IIli in oltre, stante li l-proceduri li hemm in konfront tar-rikorrenti ghadhom fl-istadju ta' kumpilazzjoni u gbir ta' provi, allegazzjoni ta' ksur tal-prezunzjoni tal-innocenza hija f'dan l-istadju intempestiva u dan peress li l-process kriminali ghadu fl-istadju tant bikri. Dan qed jinghad in linea mal-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali senjatament il-kawza fl-ismijiet Egbomon vs Avukat Generali deciza fis-16 ta' Marzu 2011 fejn fuq allegat ksur tal-prezunzjoni tal-innocenza, ikkonkludiet illi 'Ghalhekk, sewwa qalet l-ewwel qorti illi, qabel ma j kun sar u ntemm il-process penali, ikun prematur illi jsir minn din il-qorti l-ezercizzju li jrid l-Appellant, kemm ghax l-Appellant ghad ghandu ghad-dispozizzjoni tieghu r-rimedji u l-mezzi ta' harsien kollha li jaghtih il-process penali - u ghalhekk ghad ghandu rimedji taht il-ligi ordinarja - u kif ukoll ghax din il-qorti ghadha ma tistax tqis il-process penali kollu kemm hu - ghax ghadu ma sarx - biex tkun tista' tghid kienx hemm ksur tal-jeddijiet fondamentali, mhux f'episodju izolat, izda fil-kuntest tal-process meqjus kollu kemm hu u bl-applikazzjoni in concreto tad-dispozizzjonijiet tal-ligi attakkati'.

L-esponenti jissottomettu li r-rikors odjern huwa eradikat fuq motiv merament sabiex jigi mwaqqfa l-proceduri kriminali li minnhom qed jillamenta r-rikorrenti. Ghalhekk dawn il-proceduri ma huma xejn hlief tentattiv sabiex jistutlifikaw l-andament tal-process kriminali u li effettivament ma jezisti l-ebda ksur tad-dritt ta' smigh xieraq.

Illi isegwi ghalhekk li dina l-lanjanza tar-rikorrenti ghandha tigi michuda.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

6. Bl-ispejjez.

Rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Provi**

Peppi Azzopardi, ipprezenta Dok. PA1, CD (a fol. 469) tal-programm Xarabank u transcript tal-bicca li saret referenza ghaliha fir-rikors promotur li qeda lejn l-ahhar tal-programm. Hu kien waqqaf lil Dr Arnold Cassola waqt il-programm meta dan beda jghid li Tancred Tabone kien ha commissions u li kien hati. Huwa kien qallu li Tabone kien ghadu innocenti u mhux sew li ighid dawk l-affarijiet.

Tancred Tabone fl-affidavit tieghu jghid li fil-19 ta' Frar 2013 hu gie akkuzat b'diversi reati relatati ma' frodi u hasil ta' flus (a fol. 122). George Farrugia kien ghamel numru ta' allegazzjonijiet kontra tieghu dwar meta kien Chairman tal-Korporazzjoni Enemalta u kontra terzi fejn allega korruzzjoni fix-xiri taz-zejt mill-Enemalta. Hu cahad l-akkuzi dedotti kontra tieghu billi mhux hati. Kien hemm rapport estensiv dwar l-allegat involviment tieghu f'dawn l-allegati reati li gew anke 'investigati' mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici tal-Parlament. Kien sar rapport mill-Awditur Generali f'Lulju 2013 li qieghed fl-atti ta' din il-kawza (a fol. 129 et seq.). Dan ir-rapport gie diskuss fil-Kummitat Permanenti izda d-diskussjoni aktar milli fuq ir-rapport, kienet iffukata fuq dak li gara fl-Enemalta meta hu kien Chairman u l-akkuzi li ngabu kontra tieghu. Saru diversi dikjarazzjonijiet f'dan il-kumitat u anke fil-pubbliku kemm minn ufficjali pubblici u minn politici, li dwarhom sar rapportagg estensiv fil-medja bi pregudizzju kbir ghalih ghax wasslu ghall-konkluzzjoni li hu kien hati tal-akkuzi li ngiebu kontrih u dan ferm qabel ma jintemm il-process gudizzjarju.

Fil-19 ta' Frar 2013 il-Prim Ministru Dr Laurence Gonzi pubblika stqarrija (Dok. A a fol. 7) fejn ntqalu dawn il-kliem:

> I cannot accept that persons, appointed to safeguard the public interest on public entities, betray the trust that has been placed in them.

> Thus it is with profound disappointment that I have learned about the arraignment of Mr. Tancred Tabone, a prominent member of the business community, in connection with events that allegedly took place while he was responsible for safeguarding the public interest on the board of a public corporation. The fact that these events appear to have taken place some nine years ago and that Mr. Tabone's appointment as chairman of Enemalta Corporation had not been renewed in 2005 is no comfort at all.

Din l-istqarrija nghatat attenzjoni kbira mill-media lokali u r-rapportagg taghha tat l-impressjoni li l-eks Prim Ministru kien ikkonkluda li hu hati. It-Times of Malta, f'artikolu tal-20 ta' Frar 2013 gabet il-heading: "Tabone betrayed public trust - Gonzi" (ara wkoll artikoli ohra ppubblikati fil-gazzetti lokali (Dok. TT1 a fol. 473 et seq.).

L-eks Prim Ministru Gonzi ukoll ghamel dikjarazzjonijiet ohra fil-konfront tieghu quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici fid-9 ta' Frar 2015 fejn il-kliem uzat iwasslu inekwivokabilment sabiex wiehed jikkonkludi li ghal Dr Gonzi, hu kien hati. Mistoqsi diversi mistoqsijiet mill-membri tal-imsemmi Kumitat, Dr Gonzi jghid:

> L-Avukat Lawrence Gonzi ... Effettivament, hekk kien gara u wiehed minnhom kien Tancred Tabone. Imma nbidel mhux ghax kien hemm xi indikazzjoni dakinhar ta' xi haga li ma kenitx f'postha, imma ghax din kienet id-decizjoni li jiena hadt fil-konfront tal-organizzazzjonijiet kollha mal-gvern kollu.
>
> Onor. Justyne Caruana: Pero, on the basis ta' dak li nafu llum li qed jigri, with hindsight, illum li qieghed hawnhekk ...
>
> L-Avukat Lawrence Gonzi: With hindsight, komda hafna. Kieku kont naf dakinhar, mhux innennih kont, imma kont nibaghtu l-habs. Imma fejn tkun taf?

Din id-dikjarazzjoni ukoll giet irrapportata bosta drabi mill-media lokali u l-kliem li ntuza huma tali li jwasslu biex jinfluwenzaw lil pubbliku li l-esponent huwa hati.

L-Onorevoli Owen Bonnici ukoll ghamel numru ta' certu dikjarazzjonijiet quddiem Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici li jippregudikaw id-dritt tieghu ghal smigh xieraq. Fil-11 ta' Dicembru 2013, meta kien qed jaghmel mistoqsijiet lil George Farrugia, huwa jghid: "Li tajthomlu ma ghandix dubju assolutament u li hadhom m'ghandix dubju lanqas." Hu staqsa ukoll: "Allura, Sur Farrugia, inti f'liema mument

intbaht li s-Sur Tabone kien involut f’'xi cirku ta' korruzzjoni?" Ghal Ministru Bonnici huwa kien hati.

Fuq il-programm Xarabank tat-22 ta' Frar 2013, Arnold Cassola, ir-rapprezentant tal-partit politiku Alternattiva Demokratika kkonferma bla tlaqliq li fl-opinjoni hu kien hati u l-prezentatur qallu li kien ghadu ma nstabx hati mill-Qorti.

Hu ezebixxa dokumenti u artikoli li nizzel minn fuq l-internet biex jikkonferma dak li qal.

Spettur Angelo Gafa xehed li hu kien investiga dan il-kaz wara rapport li deher f’gazzetta lokali. Frank Sammut u George Farrugia kienu ikkonfermaw li Tancred Tabone kien jiehu l-flus fuq konsenji ta’ zejt li tibghat il-kumpanija Trafigura u spjega f’hiex kien involut Tancred Tabone f’dan l-allegat cirku ta’ korruzzjoni.

Spettur Rennie Stivala xehed  dwar il-proceduri kriminali pendenti kontra r-rikorrent.

**Talbiet u eccezzjonijiet**

Illi l-esponenti qed jitlob li dina l-Qorti tiddikjara li d-dikjarazzjonijiet maghmula mill-eks Prim Ministru Lawrence Gonzi, kemm meta kien Prim Ministru u/jew anki wara li ma baqax Prim Ministru pero meta tkellem b'referenza ghal zmien bhala Prim Ministru; u/jew mill-Onorevoli Owen Bonnici; u/jew minn Arnold Cassola jilledu d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ghad-drittijiet tal-bniedem; u konsegwentement tiddikjara li l-proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qrati Maltin jigu ddikjarati nulli.

L-intimati wiegbu li l-Prim Ministru u l-Ministru tal-Gustizzja mhumiex il-legittimi kontradditturi; li l-azzjoni hija intempestiva u fil-mertu li d-dritt ghal smigh xieraq u l-presunzjoni tal-innocenza ma giex menomat.

**Fatti**

Il-fatti kif johorgu mill-atti huma s-segwenti:

Fid-19 tal Frar 2013, ir-rikorrent tressaq taht akkuza quddiem il-Qorti tal-Magistrati fejn gie akkuzat bi frodi u b'hasil tal-flus. Wara li tressaq il-Qorti saru numru ta' dikjarazzjonijiet fil-pubbliku minn ufficjali pubblici u minn politici u sar rapportagg estensiv taghhom fil-media, b'mod li huwa inghata pubblicita' negattiva bi pregudizzju ghalih billi dawn id-dikjarazzjonijiet wasslu ghall-konkluzjoni li hu kien hati u dana bi ksur tad-dritt tieghu ghal fair trial u presunzjoni tal-innocenza.

**Konsiderazzjonijiet tad-dritt**

**Legittimu kontradittur**

Illi in linea preliminari, l-intimati eccepew li l-Prim Ministru u l-Ministru ghall-Gustizzja, Kultura u Gvem Lokali mhumiex il-legittimi kontradditturi ai termini tal-artikolu 181B tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) u ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi kif qalet dina l-Qorti diversament presjeduta fil-kaz **Agius vs Prim Ministru et** (PA 29/09/2016):

> Illi l-Qorti tqis li l-kwestjoni ta' min ghandu jwiegeb ghal xilja ta' ksur ta' jedd fondamentali tintrabat sewwa mal-ghamla tal-ksur li jkun u wkoll mal-ghamla ta' rimedju li jista' jinghata. Ilu zmien li l-Qrati taghna gharfu din ir-realta' u ghalhekk sawru d-distinzjonijiet mehtiega applikabbli ghall-bicca l-kbira mill-kazijiet. Ghalhekk, illum il-gurnata jingharfu kategoriji differenti ta' persuni li jistghu jitqiesu bhala legittimi kuntradditturi f'azzjonijiet kostituzzjonali. Dawn jinqasmu fi tliet kategoriji, jigifieri (a) dawk li jridu jwiegbu direttament jew indirettament ghall-ghamil li jikser id-dritt fundamentali ta' persuna, (b) dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li bihom haddiehor jikser xi jedd fundamentali ta' xihadd, u (c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawza meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigh ta' xi kawza f'qorti. Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawza, jistghu jiddahhlu persuni ohrajn bil-ghan li jaghmlu shih il-gudizzju u jaghmluh rapprezentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni.

Fil-kaz in ezami la l-Prim Ministru u lanqas l-Ministru tal-Gustizzja ma jaqghu ma' dawk li jridu jaghmlu tajjeb (billi jipprovdu r-rimedju xieraq) ghan-nuqqasijiet jew l-eghmejjel li jiksru xi jedd fundamentali ta' xi hadd. Huwa ghalhekk li r-rapprezentanza tal-Gvern hija vestita residwalment fl-Avukat Generali abbazi tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 billi hu li jista' jipprovvdi r-rimedju mitlub fir-rikors odjern.

**Intempestivita**

Illi l-intimati eccipew ukoll in linea preliminari l-intempestivita ta' dina l-azzjoni in kwantu li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti ghandhom fl-istadju tal-kumpilazzjoni. Gialadarba l-lanjanzi tar-rikorrent huma mibnija fl-intier taghhom fuq allegat ksur tal-artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropeja u tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, sabiex ikun jista' jigi determinat jekk ir-rikorrenti garrabx ksur ta' dawn l-artikoli, irid jigi ezaminat il-process kriminali kollu fit-totalita tieghu.

Fit-talbiet tieghu r-rikorrent jirreferi ghall-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u artikolu 6 tal-Konvenzjoni minghajr ebda limitazzjoni u minghajr indikazzjoni ta' xi subinciz partikolari, u allura huwa car li, ghalkemm messhom gew indikati s-subincizi invokati, hu qed jitlob li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz fil-kuntest ta' dawn l-artikoli fl-ambitu shih taghhom.

Id-dritt fundamentali sancit bl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni u 6 tal-Konvenzjoni jinvolvu li fi proceduri kriminali ghandu jkun hemm smigh xieraq, imparzjali u pubbliku quddiem Qorti jew Tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqfin b'ligi.

Il-Qorti ta' Strasbourg fil-kaz **Arrigo vs Malta** (Applikazzjoni 6569/04 fuq ammissibilita) qalet hekk:

> The Court recalls that the question whether or not court proceedings satisfy the requirements of Article 6 § 1 of the Convention can only be determined by examining the proceedings as a whole, i.e. once they have been concluded. However, it is not impossible that a particular procedural element could be so decisive that the fairness of the proceedings could be determined at an earlier stage (see R.D. v. Spain, no. 15921/89, Commission decision of 1 July 1991, Decisions and Reports (DR) 71, pp. 236, 243-244).

Dan l-artikolu tal-Konvenzjoni gie spjegat fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kaz **Zaffarese vs Avukat Generali et** 13 ta' Frar 2017 fejn il-Qorti qalet:

> Ghalkemm huwa minnu li fil-materja tad-determinazzjoni tal-kwistjoni jekk sehhietx lezjoni ta' dritt ta' persuna akkuzata ghal smigh xieraq ir-regola generali hi li l-process kriminali kollu ghandu jigi ezaminat fit-totalita tieghu, izda mill-banda l-ohra huwa rikonoxxut li episodji izolati, kemm matul il-proceduri kriminali, kif ukoll fl-istadju investigattiv jistghu jkunu determinanti ghall-ezitu tal-proceduri sa tali grad li Qorti munita b'gurisdizzjoni

kostituzzjonali tkun tikkonsidra opportun li tezaminahom fl-istadju qabel il-konkluzjoni tal-proceduri inkwantu jistghu jwasslu ghal sitwazzjoni fejn id-dritt ta' smigh xieraq tal-akkuzat x'aktarx ikun ser jigi lez, f'liema kaz allura l-Qrati Kostituzzjonali ghandhom jaghtu rimedju opportun f'dak l-istadju.

Jirrizulta ghalhekk mill-premess illi l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' smigh xieraq art. 6(1) tista', skont il-kaz, tigi trattata fir-rigward tal-varji kapi taghha separatament. Hekk wkoll f'dak li jirrigwarda il-presunzjoni tal-innocenza taht is-subartikolu 6(2). Ghalhekk l-allegata lezjoni ta' dan id-dritt tista' tigi investigata anke fin-nuqqas ta' sentenza finali u anke qabel il-bidu tal-proceduri kriminali.

Ghalhekk l-eccezzjoni tal-intimati dwar l-intempestivita tal-azzjoni qed tigi michuda.

**Artikolu 6(1) smigh minn Qorti indipendenti u imparzjali**

Kwantu ghal allegazzjoni ta' ksur tad-dritt ghas-smigh minn Qorti indipendenti u imparzjali taht l-artikoli 39(1)[1] u 6(1)[2] ir-rikorrent irid jipprova li r-rapporti fil-medja hallew l-impatt taghhom fuq l-imparzjalita tal-gudikant u “The test is not the 'subjective apprehensions' of the suspect as to the impact of the comment, but whether 'his fears can be held to be objectively justified” [**GCP v Romania** [2011] para. 46].

Fil-kaz odjern l-proceduri kriminali ghadhom pendenti u ma hemmx dubju li l-proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja jissodisfaw ir-rekwizit ta' "Qorti" sabiex tiddetermina criminal charge li jimponi l-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal Konvenzjoni. Il-fatt illi l-Qorti hija presjeduta minn Imhallef jew Magistrat professjonali skont il kaz, huwa garanzija ta' indipendenza u imparzjalita. In oltre, il-procedura toffri garanziji estensivi biex tissalvagwardja lill gudikant minn pressjonijiet esterni.

Illi fil-kaz in ezami ir-rikorrent kellu jipprova li d-dikjarazzjonijiet u r-rapporti fil-medja hallew l-impatt taghhom fuq l-imparzjalita tal-gudikant, izda ma tressqet l-ebda prova

[1] Art. 39(1) Kull meta xi hadd ikun akkuzat b'reat kriminali huwa ghandu, kemm-il darba l-akkuza ma tigix irtirata, jigi moghti smigh xieraq gheluq zmien ragonevoli minn **qorti** indipendenti u imparzjali mwaqqfa b'ligi.
[2] Art 6(1) In the determination of ... any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair ... hearing ... by an independent and impartial **tribunal** established by law.

li tista' twassal lil din il-Qorti biex tikkonkludi li r-rapporti imsemmija affettwaw l-imparzjalita' soggettiva jew oggettiva tal-gudikant li qed jisma' jew li se jisma l-kaz.

Ghalhekk it-talba taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni qed tigi michuda.

**Artikolu 6(2) lezjoni tal-dritt tal-prezunzjoni tal-innocenza**

Illi l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni jiddisponi li, "Kull min ikun akkuzat b'reat kriminali ghandu jigi meqjus li jkun innocenti sakemm ma jigix pruvat hati skont il-ligi." Fl-istess sens huwa l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni.

Illi huwa accettat dottrinalment li: "The presumption of innocence is binding not only on the Court before which a person charged is brought but on other State Organs" [**Karen Reid**, p 176 3rd Ed].

Fil-kaz in ezami d-dritt sancit fl-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni qed jigi allegat li nkiser fil-kuntest ta' stqarrijiet minn awtoritajiet pubblici b'referenza ghal Dr L. Gonzi ghaz-zmien meta kien prim Ministru u/jew anki wara li ma baqax Prim Ministru pero meta tkellem b'referenza ghal zmien meta kien prim Ministru; u/jew l-Onorevoli Owen Bonnici; u/jew Arnold Cassola rigward r-rikorrent li qeghed ghaddej proceduri kriminali.

Dan id-dritt gie trattat mill-Qrati taghna [**Arrigo v Malta** supra] u mill-Qorti Ewropea. Din il-Qorti qed taghmel referenza ghal dak li gie ritenut fis-sentenza **Fatullayev v Azerbaijan** [22/04/2010] fejn hemm hekk:

> 159. The Court reiterates that Article 6 § 2, in its relevant aspect, is aimed at preventing the undermining of a fair criminal trial by prejudicial statements made in close connection with those proceedings. The presumption of innocence enshrined in paragraph 2 of Article 6 is one of the elements of the fair criminal trial that is required by paragraph 1 (see Allenet de Ribemont, cited above, § 35). It not only prohibits the premature expression by the tribunal itself of the opinion that the person "charged with a criminal offence" is guilty before he has been so proved according to law (see Minelli v. Switzerland, 25 March 1983, § 38, Series A no. 62), but also covers statements made by other public officials about pending criminal investigations which encourage the public to believe the suspect guilty and prejudge the assessment of the facts by the competent judicial authority (see

> Allenet de Ribemont, cited above, § 41, and Daktaras v. Lithuania, no. 42095/98, §§ 41-43, ECHR 2000-X). The Court stresses that Article 6 § 2 cannot prevent the authorities from informing the public about criminal investigations in progress, but it requires that they do so with all the discretion and circumspection necessary if the presumption of innocence is to be respected (see Allenet de Ribemont, cited above, § 38).
>
> 160. It has been the Court's consistent approach that the presumption of innocence will be violated if a judicial decision or a statement by a public official concerning a person charged with a criminal offence reflects an opinion that he is guilty before he has been proved guilty according to law. It suffices, even in the absence of any formal finding, that there is some reasoning suggesting that the court or the official regards the accused as guilty. A fundamental distinction must be made between a statement that someone is merely suspected of having committed a crime and a clear declaration, in the absence of a final conviction, that an individual has committed the crime in question. The Court has consistently emphasised the importance of the choice of words by public officials in their statements before a person has been tried and found guilty of a particular criminal offence (see Khuzhin and Others v. Russia, no. 13470/02, § 94, 23 October 2008, with further references). Whether a statement of a public official is in breach of the principle of the presumption of innocence must be determined in the context of the particular circumstances in which the impugned statement was made (see Butkevičius v. Lithuania, no. 48297/99, § 49, ECHR 2002-II).

Fi kliem semplici hawnhekk il-Qorti ta’ Strasburgu taghmel distinzjoni bejn li jissemma fil-medja l-isem ta' persuna akkuzata jew li ser tigi akkuzata b'offiza u fejn tigi attribwita htija lil dik il-persuna qabel ma jinghata s-smigh garantit bil-ligijiet taghna.

Illi l-artikolu 6[2] ma jzommx lill-persuni fdati bit-tmexxija tal-Gvern milli jinformaw il-pubbliku b’akkadut li jista’ jkun ta’ thassib jew anke ta’ interess ghall-pubbliku in generali. Izda trid tinzamm dik ic-cirkospezzjoni u d-diskrezzjoni necessarja sabiex il-liberta tal-espressjoni u d-dritt li l-pubbliku jigi nfurmat ma timpingiex fuq id-dritt tal-presunzjoni tal-innocenza tal-applikant.

Illi jirrizulta li l-istqarrija tal-Prim Ministru Dr L. Gonzi [Dok. A a fol. 7] kienet gustifikata in vista tal-iskandlu tax-xiri taz-zejt u l-fatt li tressaq ir-rikorrent l-Qorti akkuzat b’reati in konnessjoni mal-istess.

Ir-rikorrent qed joggezzjona ghal dina l-istqarrija billi jsostni li fiha jidher li Dr L. Gonzi kien wasal ghal konkluzzjoni li huwa kien hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi l-Qorti rath din l-istqarrija li tibda bil-kliem:

> I cannot accept that persons, appointed to safeguard the public interest on public entities, betray the trust that has been placed in them.

Imbaghad ikompli billi jghid:

> Thus it is with profound disappointment that I have learned about the arraignment of Mr. Tancred Tabone, a prominent member of the business community, in connection with events that allegedly took place while he was responsible for safeguarding the public interest on the board of a public corporation

Imma Dr L. Gonzi jaghmilha cara lejn l-ahhar tal-istqarrija li:

> It is not for me to disclose the details of the case against Mr.Tabone and Mr.Sammut. That is a matter for the police. I have done everything in my power to facilitate the investigation of all allegations; including the issuing an amnesty to whoever was prepared to collaborate and give evidence in Court that will expose all wrongdoing. I ask the media and members of the public to await the outcome of the proceedings and to allow justice to take its course in the interest of all.

Fil-fehma tal-Qorti, Dr L. Gonzi kien kawt fil-mod kif ifformula l-istqarrija tieghu. Huwa stqarr li mhux accettabili li persuni b'kariga f'entitajiet pubblici jonqsu mill-fiducja mqeghda fuqhom. Hu wera d-disappunt tieghu li membru prominenti bhar-rikorrent spicca l-Qorti.

Il-gazzetti imbaghad fuq dina l-stqarrija hargu bil-headlines li – 'Tabone betrayed public trust – Gonzi'. Jirrizulta car li r-rapport kien ibbazat fuq dak li ntqal fl-istqarrija imma ghamlu emfasi partikolari fuq dak t-titolu, mahrug mill-kuntest kollu tal-istqarrija fejn Dr Gonzi kien qal li ser jhalli li l-investigazzjoni tiehu l-kors taghha. Ghalhekk Dr L. Gonzi m'ghandux jirrispondi ghal dak li gabu l-gazzetti imma r-responsabilita tieghu testendi biss qal dak li qal fl-istqarrija.

Fil-fehma tal-Qorti l-istqarrija Dok. A ma kinitx tikser il-presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent billi ghalkemm Dr Gonzi wera d-disappunt tieghu hu halla l-gustizzja tiehu l-kors taghha.

Mhux l-istess pero jista' jinghad dwar dawk l-istqarrijiet li l-istess Dr L. Gonzi ghamel fil-konfront tar-rikorrent quddiem il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubblici fejn il-kliem uzat minnu setghu jwasslu sabiex il-pubbliku jikkonkludi li ghal Dr Gonzi r-rikorrent huwa hati. Ir-rikorrent fl-affidavit tieghu jaghmel referenza ghal parti fejn Dr Gonzi jwiegeb: 'With hindsight, komda hafna. Kieku kont naf dakinhar, mhux innennih kont, imma kont nibaghtu l-habs. Imma fejn tkun taf?'

Fil-fehma tal-Qorti din hija dikjarazzjoni li kieku Dr Gonzi kien jaf bil-fatti ghalih ir-rikorrent hati u jibaghtu l-habs. Dan id-diskors sar kollu fil-kuntest tad-diskussjoni li kienet qed issir fuq ir-rapport tal-Awditur fejn anke saret dikjarazzjoni minn Dr Owen Bonnici li r-rikorrenti kien ha l-flus u li ghalhekk anke fil-fehma tieghu r-rikorrent kien hati u dana meta r-rikorrent ghadu qed jaffaccja proceduri fil-Qorti.

Fil-fehma tal-Qorti f'dan ir-rigward kien hemm ksur tal-presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent ai termini tal-artikoli 6(2) tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39(5) tal-Kostituzzjoni.

Kwantu ghall-kummenti li saru minn Dr.Arnold Cassola fuq il-programm Xarabank fejn dan iddikjara li r-rikorrent kien mixtri, ha l-commissions u kien hati ta' korruzzjoni, il-Qorti tirrileva li Dr Cassola kien twaqqaf immedjatament mill-prezentatur billi ma setghax ighid dak id-diskors qabel ma r-rikorrent ikun ghadda minn process gudizzjarju.

Fil-fehma tal-Qorti Dr Arnold Cassola mhuwiex xi awtorita pubblika ai fini tal-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u dak li huwa ddikjara kien biss opinjoni personali tieghu li mhijiex ta' importanza li tista taffettwa l-imparzjalita tal-proceduri jew li tammonta ghal ksur tal-presunzjoni tal-innocenza tar-rikorrent. Hu kien imwaqqaf tempestivament mill-prezentatur tal-programm. Inoltre Dr A. Cassola mhux imharrek bhala parti f'dina l-kawza.

Ghalhekk fir-rigward ta' Dr A. Cassola ma hemmx lezjoni.

Illi għalkemm qed tinsab lezjoni tad-dritt tar-rikorrent taħt l-artikolu 6(2) tal-Konvenzjoni u 39(5) tal-Kostituzzjoni fir-rigward tad-diskors li sar minn Dr L. Gonzi u Dr Owen Bonnici quddiem il-PAC u li gie rapportat fil-gazzetti, fil-fehma tal-Qorti dina l-lezjoni ma ghandhiex twassal ghal konsegwenza li l-proceduri kriminali pendenti quddiem il-Qrati Maltin ghandhom jigu ddikjarati nulli.

Terga ssir referenza ghas-sentenza **Arrigo v Malta** fejn il-Qorti rriteniet li:

> Fis-sistema guridika taghna hemm garanziji u salvagwardji bizzejjed b'mod illi, anke jekk kellu jirrizulta illi, permezz ta' kliem illi ntqal waqt il-konferenza stampa in kwistjoni, giet pregudikata l-prezunzjoni tal-innocenza ta' l-appellanti, ma jistax jinghad illi r-reati kriminali illi bihom huma akkuzati l-istess appellanti ma jigux determinati minn qorti oggettivament indipendenti u imparzjali. Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dan japplika kemm jekk il-proceduri kriminali relattivi jigu determinati mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, kemm jekk l-istess proceduri jigu determinati mill-Qorti Kriminali, bil-partecipazzjoni tal-gurati jew minghajr din il-partecipazzjoni, u kemm f'kaz ta' xi eventwali appell quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

It-test li jrid isir f'kaz bhal dana huwa "whether the pre-trial publicity has influenced judges or jurors in such a way as to lead them to depart from the presumption of innocence" [**Human Rights**, Files No. 3 Article 6]. Fil-fehma tal-Qorti hemm bizzejjed salvagwardji fis-sistema guridika taghna biex ir-rikorrent jigi gudikat minn Qorti independenti u imparzjali. Inoltre "its impact is likely to be limited where the trial takes place a considerable time later" [**GCP v Romania**, 2001]. Dan il-kaz ilu li gara erba snin.

Fil-fehma ta' dina l-Qorti, dak illi, fic-cirkostanzi ta' dan il-kas, ghandu jsir sabiex jigi provvdut rimedju ghall-lezjoni hawn fuq imsemmija tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, kif ukoll bl-iskop illi s-salvagwardji kontemplati u kontenuti fil-Kodici Kriminali jigu skrupolozament osservati u applikati, huwa illi dan il-gudikat jingieb a konjizjoni ta' dik il-Qorti illi eventwalment tigi msejha sabiex tiddetermina l-proceduri kriminali inizjati kontra l-istess appellant.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara illi ma giex lez id-dritt fundamentali tar-rikorrent ghal smigh xieraq garantit mill-artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u

mill-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem izda gie lez id-dritt fundamentali ta' l-appellanti garantit mill-artikolu 39(5) tal-istess Kostituzzjoni u mill-artikolu 6(2) tal-istess Konvenzjoni Ewropea kif fuq deskritt. Tichad it-talba li l-proceduri kriminali kontra r-rikorrenti jigu dikjarati nulli pero tordna illi a kura tar-Registratur titqieghed kopja ta' din is-sentenza fl-atti tal-process kriminali fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Tancred Tabone' illi ghalih saret referenza fir-rikors kostituzzjonali odjern.

Tordna illi kull parti ghandha tbati l-ispejjez taghha ta' din l-istanza.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur